MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru. 975/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND MERCIECA**

**KONTRA**

**CARMEL GAUCI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Gauci ta’ 35 sena, bin Carmel u Carmen nee’ Spiteri, mwieled Pieta’ nhar l- 4 ta’ Novembru 1972, u residenti fil- fond No 7, Marchrist Flats, Flat no 2, Pjazza Dranino, Naxxar, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 479172(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli matul il- gurnata ta’ nhar is-26 ta’ Settembru 2008, minn gewwa l- ufficini ta’ GO, sitwat f’ Telghet Spencer, il-Marsa;

Ikkommetta serq ta’ mobile tal- marka Nokia 6500, ghad-dannu tal- Kumpanija GO, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez is- somma ta’ mitejn u tletin Ewro u disgha u erbghin centezmu ta’ l- Ewro (€232.94) imma li ma jaqbisx is- somma ta’ elfejn tlet mija u disgha u ghoxrin Ewro u erbghin centezmu ta’ l-Ewro (€2329.40) u bil-persuna, u dan bi ksur tal- Artikoli, 261(c), 261 (d), 267 u 268 (d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kontra tieghu fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien skond il-ligi biex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-fatti ta’ din il-kawza irrizulta kaz li kwazi jaqa’ fil-parametri tar-reat ta’ ragion fattasi, izda peress l;I kien hemm tehid ta’ oggett li jappartjeni ghal persuna li m’huwiex l-imputat, dan ir-reat jinkwadra ruhu f’dak ta’ serq. Jidher li l-imputat kien urtat ghal xi decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu meta hu talab lis-superjuri immedjati tieghu ghal xi forma ta’ ghinuna u din ma inghatatx lilu kif xtaq. Ghalhekk, b’suppervja tat-tfal, hu qabad u ha “mobile phone” ta’ din il-kollega li allegatament ma ghenitux, sabiex ipattihielha u jaghmlilha azzjoni hazina. Dan kollu jirrizulta ukoll mill-istqarrija

tieghu esebita fil-process, u fil-fatt l-imputat iddikjara li hu qed jiddispjacih ta’ dak kollu li ghamel. Illum m’ghadux impjegat fejn kien, wara li gara dan il-kaz, u l-oggett misruq minnu gie ukoll ritornat lil sidu. Il-Qorti, ghalkemm tikkundanna bis-shih dan l-agir infantili tal-imputat, spjegat sew li seta’ kien hemm konsegwenzi ta’ piena karcerarja ghal dan l-incident, izda fic-cirkostanzi u tenut kont tal-indiema shiha tieghu, ma tarax li ghandha taghti piena li tirrestringi l-liberta’ effettiva tieghu, izda li jinghata ftit ta’ tbezbiza u ma jergax jaqbad u jiehu l-ligi b’idejh.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261(c), 261 (d), 267 u 268 (d) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------